REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1191/2010

tas-16 ta' Diċembru 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1794/2006 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1794/2006 ([3]) jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-iżvilupp ta' skema ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru li hija konsistenti mas-Sistema tal-Imposti fuq ir-Rotot tal-Eurocontrol. L-iżvilupp ta' skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru pprovduti matul il-fażijiet kollha tat-titjira huwa fundamentali għall-impliment-azzjoni tal-ajru uniku Ewropew. Permezz tal-iskema għandhom jinkisbu trasparenza akbar fir-rigward tal-istabbiliment, l-impożizzjoni u l-infurzar tal-imposti għall-utenti tal-ispazju tal-ajru u nfiq effiċjenti fil-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Hija għandha tinkoraġġixxi wkoll l-effiċjenza tat-titjiriet filwaqt li żżomm livell ottimali ta' sigurtà u tistimula l-forniment integrat tas-servizzi.

(2) Sabiex jiġi żgurat li l-għan ġenerali li jittejjeb l-infiq effiċjenti tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jkun effettiv, l-iskema ta' imposti għandha tippromwovi t-titjib tal-infiq effiċjenti u tal-effiċjenza operattiva b'mod konsistenti mal-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u b'mod li jappoġġah.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1794/2006 jeħtieġ li jiġi aġġornat sabiex il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskema ta' prestazzjoni jiġu tradotti fl-iskema ta' imposti, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-mekkaniżmi ta' qsim tar-riskji tal-infiq u tat-traffiku kif ukoll l-iskemi ta' inċentivi deskritti fir-Regolament (UE) Nru 691/2010 tad-29 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2096/2005 li jistabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru ([4]). Ir-Regolament (KE) Nru 1794/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(4) Għandhom jiġu previsti dispożizzjonijiet xierqa sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-iskema ta' imposti aġġornata.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1794/2006

Ir-Regolament (KE) Nru 1794/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-iżvilupp ta' skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru li hija konsistenti mas-Sistema tal-Imposti fuq ir-Rotot tal-Eurocontrol.".

b) Il-paragrafi 5 u 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5. Suġġett għat-tielet sentenza tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) Nru 691/2010 (*), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dan ir-Regolament għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru pprovduti f'ajruporti b'inqas minn 50 000 moviment ta' trasport kummerċjali bl-ajru kull sena, irrispettivament mill-massa massima tat-tlugħ u min-numru ta' postijiet tal-passiġġieri.

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dik id-deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika perjodikament lista aġġornata ta' dawk l-ajruporti fejn l-Istati Membri ddeċidew li ma japplikawx dan ir-Regolament għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10.
([2]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.
([3]) ĠU L 341, 7.12.2006, p. 3.
([4]) ĠU L 201, 3.8.2010, p. 1.

6. Fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru pprovduti f'ajruporti b'inqas minn 150 000 moviment ta' trasport kummerċjali bl-ajru kull sena, irrispettivament mill-massa massima tat-tlugħ u min-numru ta' postijiet tal-passiġġieri, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, qabel kull perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 11(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, li ma jagħmlux waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) jikkalkulaw l-ispejjeż determinati skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament;

(b) jikkalkulaw l-imposti tat-terminal kif stabbilit fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament;

(c) jistabbilixxu rati tat-terminal għal kull unità kif imsemmi fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika bla ħsara għall-applikazzjoni tal-prinċipji msemmija fl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 u huwa suġġett għat-tielet sentenza tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) Nru 691/2010.

L-Istati Membri li jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet elenkati fl-ewwel subparagrafu għandhom iwettqu valutazzjoni ddettaljata dwar sa fejn ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament. Dik il-valutazzjoni għandha tinkludi konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru.

Dawk l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport dettaljat lill-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu. Dak ir-rapport għandu jkun sostnut bl-evidenza, inkluż l-eżitu tal-konsultazzjoni mal-utenti, u għandu jipprovdi r-raġunijiet kollha għall-konklużjonijiet tal-Istat Membru.

Wara konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tiddetermina li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament ma ġewx sodisfatti u tista', mhux aktar tard minn xahrejn wara li tirċievi r-rapport, titlob lill-Istat Membru jwettaq mill-ġdid il-valutazzjoni taħt kundizzjonijiet riveduti.

Meta l-Kummissjoni tagħmel tali determinazzjoni, hija għandha tidentifika liema parti jew partijiet tal-valutazzjoni għandha jew għandhom jiġu riveduti u għandha tagħti r-raġunijiet għaliha.

Meta l-Kummissjoni titlob valutazzjoni riveduta, l-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti rapport dwar il-konklużjonijiet ta' dik il-valutazzjoni riveduta fi żmien xahrejn minn meta jirċievi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Ir-rapport finali għandu jiġi ppubblikat u għandu jibqa' validu tul il-perjodu ta' referenza kkonċernat.

(*) ĠU L 201, 3.8.2010, p. 1.".

(2) Fl-Artikolu 2 għandhom jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(h) 'spejjeż determinati' tfisser spejjeż predeterminati mill-Istat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 15(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004;

(i) 'perjodu ta' referenza' tfisser il-perjodu ta' referenza għall-iskema ta' prestazzjoni prevista fl-Artikolu 11(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004;

(j) 'movimenti ta' trasport kummerċjali bl-ajru' tfisser l-għadd totali ta' tlugħ u nżul fir-rigward tat-trasport kummerċjali bl-ajru, ikkalkulat bħala medja fuq it-tliet snin ta' qabel l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 691/2010;

(k) 'dħul ieħor' tfisser dħul miksub mill-awtoritajiet pubbliċi jew dħul miksub minn attivitajiet kummerċjali u/jew, fil-każ tar-rati tat-terminal għal kull unità, dħul miksub minn kuntratti jew minn ftehim bejn il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-operaturi tal-ajruporti, li minnu jibbenefikaw il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fir-rigward tal-livell tar-rati għal kull unità.".

(3) Fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-iskema ta' imposti għandha tkun suġġetta għall-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004.

2. L-ispejjeż determinati tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' imposti en route applikati għall-utenti tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III, u/jew permezz ta' dħul ieħor.

3. L-ispejjeż determinati tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru tat-terminal għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' imposti tat-terminal applikati għall-utenti tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III, u/jew permezz ta' dħul ieħor. Dan jista' jinkludi sussidji inkroċjati mogħtija skont il-liġi tal-Unjoni.".

(4) Fl-Artikolu 4, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Żona tal-imposti en route għandha testendi mill-art sal-ispazju tal-ajru ta' fuq u għandha tinkludi dak l-ispazju tal-ajru wkoll. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu żona speċifika f'żoni tat-terminal kumplessi fi ħdan iż-żona tal-imposti.

4. Fejn żoni tal-imposti jestendu tul l-ispazju tal-ajru ta' aktar minn Stat Membru wieħed, li jista' jkun b'riżultat tal-ħolqien ta' żona komuni ta' imposti fi blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw l-aqwa livell possibbli ta' konsistenza u uniformità fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-ispazju tal-ajru kkonċernat.

Meta l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament fl-ispazju tal-ajru kkonċernat ma tkunx possibbli, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-utenti b'tali differenzi fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'mod trasparenti u għandhom jinnotifikaw il-Kummissjoni u lill-Eurocontrol b'tali differenzi.".

(5) Fl-Artikolu 5, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-ispejjeż li ġejjin bħala spejjeż determinati, skont l-Artikolu 15(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004, meta dawn jiġġarrbu b'riżultat tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru:

(a) l-ispejjeż imġarrbin mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti;

(b) l-ispejjeż imġarrbin mill-entitajiet ikkwalifikati msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004;

(c) l-ispejjeż li ġejjin minn ftehim internazzjonali.

3. F'konformità mal-Artikolu 15a(3) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004, bla ħsara għal sorsi oħra ta' finanzjament u f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, parti mid-dħul li jirriżulta mill-imposti tista' tintuża biex jiġu ffinanzjati proġetti komuni dwar funzjonijiet marbuta man-netwerk li għandhom importanza partikolari għat-titjib tal-prestazzjoni globali tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fl-Ewropa. F'tali każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm prattiki ta' kontabbiltà komprensivi u trasparenti biex ikun żgurat li l-utenti tal-ispazju tal-ajru ma jintalbux iħallsu l-imposti darbtejn. Dawk l-ispejjeż determinati li jiffinanzjaw il-proġett komuni għandhom ikunu identifikati b'mod ċar f'konformità mal-Anness II."

(6) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ispejjeż determinati u l-ispejjeż attwali għandhom jinkludu l-ispejjeż marbuta mas-servizzi, faċilitajiet u attivitajiet eliġibbli msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament u stabbiliti f'konformità mar-rekwiżiti tal-kontabbiltà stipulati fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004.

L-effetti mhux rikorrenti li jirriżultaw mill-introduzzjoni tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà jistgħu jinfirxu fuq perjodu li ma jaqbiżx il-15-il sena.

Bla ħsara għall-Artikoli 16 u 18 tar-Regolament (UE) Nru 691/2010, l-ispejjeż determinati għandhom jiġu stabbiliti qabel il-bidu ta' kull perjodu ta' referenza bħala parti mill-pjanijiet ta' prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 u fl-Artikolu 10(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 691/2010 għal kull sena kalendarja matul il-perjodu ta' referenza u dan għandu jsir f'termini kemm reali kif ukoll nominali. Ir-rati għal kull unità għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-ispejjeż espressi f'termini nominali. Għal kull sena fil-perjodu ta' referenza, id-differenza bejn l-ispejjeż determinati espressi f'termini nominali qabel il-perjodu ta' referenza u l-ispejjeż determinati aġġustati abbażi tal-inflazzjoni attwali rreġistrata mill-Kummissjoni (Eurostat) għal dik is-sena għandha tinġieb 'il quddiem għal mhux aktar tard mis-sena n+2.

L-ispejjeż determinati u l-ispejjeż attwali għandhom jiġu espressi fil-munita nazzjonali. Fejn tkun ġiet stabbilita żona komuni ta' imposti b'rata waħdanija għal kull unità għal blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw il-konverżjoni tal-ispejjeż nazzjonali għall-Euro jew għall-munita nazzjonali ta' wieħed mill-Istati Membri kkonċernati sabiex jiġi żgurat li r-rata waħdanija għal kull unità tiġi kkalkulata b'mod trasparenti b'applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Eurocontrol b'dan.".

(b) Il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) It-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ispejjeż tal-persunal għandhom jinkludu r-rimunerazzjoni grossa, il-ħlasijiet tas-sahra, il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-iskemi tas-sigurtà soċjali kif ukoll l-ispejjeż tal-pensjoni u benefiċċji oħra. L-ispejjeż tal-pensjoni jistgħu jiġu kkalkulati billi jintużaw suppożizzjonijiet prudenti skont il-qafas pubbliku jew privat tal-iskema jew skont il-liġi nazzjonali, skont il-każ. Dawk is-suppożizzjonijiet għandhom ikunu ddettaljati fil-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali.".

(ii) Ir-raba' u l-ħames subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"L-ispejjeż ta' deprezzament għandhom jirrelataw mal-assi totali fissi mħaddma għall-finijiet tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. L-assi fissi għandhom jiġu deprezzati skont il-ħajja operattiva mistennija tagħhom, billi jintuża l-metodu ta' rata fissa applikat għall-ispejjeż tal-assi li jkunu qegħdin jiġu deprezzati. Biex jiġi kkalkulat id-deprezzament tista' tintuża l-kontabbiltà storika jew attwali tal-ispejjeż. Il-metodoloġija ma għandhiex tinbidel matul il-perjodu tad-deprezzament u għandha tkun konsistenti mal-ispiża tal-kapital applikata. F'każ li tintuża l-kontabbiltà attwali tal-ispejjeż, għandhom jingħataw ukoll iċ-ċifri ekwivalenti tal-kontabbiltà storika tal-ispejjeż sabiex ikunu jistgħu jitwettqu l-paragun u l-valutazzjoni.

L-ispiża tal-kapital għandha tkun daqs ir-riżultat tal-multiplikazzjoni ta':

(a) it-total tal-valur medju nett kontabbli tal-assi fissi u l-aġġustamenti possibbli tal-assi totali ddeterminati mill-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali u użati mill-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, li jkunu qed jitħaddmu jew li jkunu fil-proċess ta' konstruzzjoni, u tal-valur medju tal-assi netti kurrenti, għajr il-kontijiet li fuqhom hemm l-imgħax, li huma meħtieġa għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru; u

(b) il-medja ppeżata tar-rata tal-imgħax fuq id-djun u tad-dħul fuq il-kapital. Għall-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru mingħajr ebda kapital, il-medja ppeżata għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' dħul applikat għad-differenza bejn it-total tal-assi msemmija fil-punt (a) u d-djun.

L-oġġetti eċċezzjonali għandhom jikkonsistu fi spejjeż ta' darba biss marbutin mal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru matul l-istess sena.

Kull aġġustament li jmur lil hinn mid-dispożizzjonijiet tal-Istandards tal-Kontabbiltà Internazzjonali għandu jiġi speċifikat fil-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali sabiex jiġi rivedut mill-Kummissjoni u fl-informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta skont l-Anness II."

(c) Fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-ħames subparagrafu tal-paragrafu 2, il-fatturi li għandhom jingħataw piż għandhom ikunu bbażati fuq il-proporzjon tal-finanzjament permezz tad-dejn jew tal-kapital. Ir-rata tal-imgħax fuq id-dejn għandha tkun daqs ir-rata medja tal-imgħax fuq id-dejn tal-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Id-dħul fuq il-kapital għandu jkun ibbażat fuq ir-riskju finanzjarju attwali mġarrab mill-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.".

(7) Fl-Artikolu 7(2), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, qabel ma jibda kull perjodu ta' referenza, il-kriterji użati biex jiġu allokati l-ispejjeż bejn is-servizzi tat-terminal u s-servizzi en route għal kull ajruport, u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.".

(8) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

It-trasparenza tal-ispejjeż u tal-mekkaniżmu tal-imposti

1. Mhux aktar tard minn sitt xhur qabel ma jibda kull perjodu ta' referenza, l-Istati Membri għandhom joffru li jikkonsultaw mar-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru dwar l-ispejjeż determinati, l-investimenti ppjanati, it-tbassir tal-unitajiet tas-servizzi, il-politika tal-imposti u r-rati għal kull unità li jirriżultaw minnha u għandhom ikunu megħjuna mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. L-Istati Membri għandhom, b'mod trasparenti, jagħmlu l-ispejjeż nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali stabbiliti skont l-Artikolu 5 disponibbli għar-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru, għall-Kummissjoni u, fejn applikabbli, għall-Eurocontrol.

Matul il-perjodu ta' referenza, l-Istati Membri għandhom, fuq bażi annwali, joffru li jikkonsultaw mar-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru dwar kull devjazzjoni mit-tbassir, b'mod speċjali f'dak li jirrigwarda:

(a) it-traffiku u l-ispejjeż attwali meta mqabbla mat-traffiku mbassar u mal-ispejjeż determinati mbassra;

(b) l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tal-qsim tar-riskju stabbilit fl-Artikolu 11a;

(c) l-iskemi ta' inċentivi stabbiliti fl-Artikolu 12.

Tali konsultazzjoni tista' tiġi organizzata fuq bażi reġjonali. Ir-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru għandhom iżommu d-dritt li jitolbu għal iktar konsultazzjoni. Il-konsultazzjoni mal-utenti għandha tiġi organizzata wkoll b'mod sistematiku wara li jiġi attivat mekkaniżmu ta' twissija li jiġġenera reviżjoni tar-rata għal kull unità.

2. L-informazzjoni imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkuna ibbażata fuq it-tabelli ta' rrappurtar u r-regoli dettaljati stabbiliti fl-Annessi II u VI, jew, f'każ li Stat Membru, fil-livell nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali, ikun iddeċieda li ma jikkalkulax l-ispejjeż determinati jew l-imposti tat-terminal jew li ma jistabbilixxix ir-rati tat-terminal għal kull unità skont l-Artikolu 1(6), l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ibbażata fuq it-tabelli ta' rrappurtar u r-regoli dettaljati stabbiliti fl-Anness III. Id-dokumentazzjoni rilevanti għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tar-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru, tal-Kummissjoni, tal-Eurocontrol u tal-awtoritajiet ta' superviżjoni nazzjonali tliet ġimgħat qabel il-laqgħa ta' konsultazzjoni. Għall-konsultazzjoni annwali msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, id-dokumentazzjoni rilevanti għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tar-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru, tal-Kummissjoni, tal-Eurocontrol u tal-awtoritajiet ta' superviżjoni nazzjonali kull sena, mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru.".

(9) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) titjiriet imwettqa esklużivament għat-trasport, fuq missjoni uffiċjali, tal-Monarka renjanti u tal-familja immedjata tiegħu, tal-Kapijiet tal-Istat, tal-Kapijiet tal-Gvern, u tal-Ministri tal-Gvern; fil-każijiet kollha, l-eżenzjoni għandha tkun sostanzjata bl-indikatur tal-istatus jew bil-kumment xieraq fuq il-pjan tat-titjira.".

(b) Il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa mħassar;

(ii) fit-tieni subparagrafu, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-ispejjeż imġarrba għal titjiriet eżentati għandhom ikunu magħmula minn:".

(10) L-Artikoli 10 u 11 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

Il-kalkolu tal-imposti en route

1. Bla ħsara għall-possibbiltà tal-finanzjament tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route permezz ta' dħul ieħor skont l-Artikolu 3(2), l-imposta en route għal titjira speċifika f'żona speċifika tal-imposti en route għandha tkun daqs ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tar-rata għal kull unità stabbilita għal dik iż-żona tal-imposti en route u l-unitajiet tas-servizzi en route għal dik it-titjira.

2. Ir-rata għal kull unità u l-unitajiet tas-servizzi en route għandhom jiġu kkalkulati skont l-Anness IV.

Artikolu 11

Il-kalkolu tal-imposti tat-terminal

1. Bla ħsara għall-possibbiltà tal-finanzjament tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru tat-terminal permezz ta' dħul ieħor skont l-Artikolu 3(3), l-imposta tat-terminal għal titjira speċifika f'żona speċifika tal-imposti tat-terminal għandha tkun daqs ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tar-rata għal kull unità stabbilita għal dik iż-żona tal-imposti tat-terminal u l-unitajiet tas-servizzi tat-terminal għal dik it-titjira. Għall-finijiet tal-imposti, il-wasla u t-tluq għandhom jingħaddu bħala titjira waħda. L-unità li għandha tingħadd għandha tkun jew it-titjira tal-wasla jew it-titjira tat-tluq.

2. Ir-rata għal kull unità u l-unitajiet tas-servizzi tat-terminal għandhom jiġu kkalkulati skont l-Anness V.".

(11) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"*Artikolu 11a*

Il-qsim tar-riskju

1. Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-mekkaniżmi tal-qsim tar-riskju tat-traffiku u tal-ispiża. Għandu japplika skont il-prinċipji msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 691/2010.

2. L-ispejjeż li ġejjin ma għandhomx jiġu sottomessi għall-qsim tar-riskju tat-traffiku u għandhom jiġu rkuprati indipendentement mill-evoluzzjoni tat-traffiku:

(a) l-ispejjeż determinati stabbiliti b'applikazzjoni tal-Artikolu 5(2), ħlief għal ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-forniment ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru transkonfinali;

(b) l-ispejjeż determinati tal-fornituri tas-servizzi meteoroloġiċi;

(c) l-ammonti miġjuba 'l quddiem awtorizzati minn sena jew minn perjodu ta' referenza ta' qabel u l-bonusijiet jew il-penali li jirriżultaw minn skemi ta' inċentivi;

(d) l-irkupru żejjed jew nieqes li jirriżulta mill-varjazzjonijiet tat-traffiku, li għandu jiġi rkuprat sa mhux aktar tard mis-sena n+2.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-qsim tar-riskju tat-traffiku l-ispejjeż determinati tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru li jkunu rċevew il-permess li jipprovdu servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru mingħajr ċertifikazzjoni, skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004.

3. Meta, tul sena partikolari, in-numru attwali tal-unitajiet tas-servizzi ma jaqbiżx jew ma jaqax taħt it-tbassir stabbilit fil-bidu tal-perjodu ta' referenza b'aktar minn 2 %, id-dħul jew it-telf addizzjonali tal-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fir-rigward tal-ispejjeż determinati ma għandux jinġieb 'il quddiem.

4. Meta, tul sena partikolari n, in-numru attwali tal-unitajiet tas-servizzi jaqbeż it-tbassir stabbilit fil-bidu tal-perjodu ta' referenza b'aktar minn 2 %, minimu ta' 70 % mid-dħul addizzjonali miksub mill-fornitur(i) tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat(i) 'il fuq mit-2 % tad-differenza bejn l-unitajiet tas-servizzi attwali u t-tbassir fir-rigward tal-ispejjeż determinati għandu jingħata lura lill-utenti tal-ispazju tal-ajru sa mhux aktar tard mis-sena n+2.

Meta, tul sena partikulari n, in-numru attwali tal-unitajiet tas-servizzi jaqa' taħt it-tbassir stabbilit fil-bidu tal-perjodu ta' referenza b'aktar minn 2 %, massimu ta' 70 % tat-telf fuq id-dħul imġarrab mill-fornitur(i) tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat(i) 'il fuq mit-2 % tad-differenza bejn l-unitajiet tas-servizzi attwali u t-tbassir fir-rigward tal-ispejjeż determinati għandu jiġi kopert mill-utenti tal-ispazju tal-ajru fil-prinċipju sa mhux aktar tard mis-sena n+2. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jifirxu l-ammonti miġjuba 'l quddiem ta' dan it-telf ta' dħul fuq diversi snin sabiex iħarsu l-istabbiltà tar-rata għal kull unità.

5. L-allokazzjoni tar-riskju tat-traffiku msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiġi stabbilita mill-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali għall-perjodu ta' referenza kollu, wara l-konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 8.

6. Meta, tul sena partikulari n, l-unitajiet tas-servizzi attwali jkunu inqas minn 90 % tat-tbassir stabbilit fil-bidu tal-perjodu ta' referenza, l-ammont kollu tat-telf ta' dħul imġarrab mill-fornitur(i) tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat(i) 'il fuq mill-10 % tad-differenza bejn l-unitajiet tas-servizzi attwali u t-tbassir fir-rigward tal-ispejjeż determinati għandu jiġi kopert mill-utenti tal-ispazju tal-ajru fil-prinċipju sa mhux aktar tard mis-sena n+2. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jifirxu l-ammonti miġjuba 'l quddiem ta' dan it-telf ta' dħul fuq diversi snin sabiex iħarsu l-istabbiltà tar-rata għal kull unità.

Meta, tul sena partikulari n, l-unitajiet tas-servizzi attwali jaqbżu 110 % tat-tbassir stabbilit fil-bidu tal-perjodu ta' referenza, l-ammont kollu tad-dħul addizzjonali miksub mill-fornitur(i) tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat(i) 'il fuq mil-10 % tad-differenza bejn l-unitajiet tas-servizzi attwali u t-tbassir fir-rigward tal-ispejjeż determinati għandu jingħata lura lill-utenti tal-ispazju tal-ajru fis-sena n+2.

7. Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru li ma jkollhom ebda kapital jew li jkollhom kapital li ma jaqbiżx 5 % tal-passiv totali fil-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jkunu eżenti mill-qsim tar-riskju tat-traffiku matul l-ewwel perjodu ta' referenza, biex ikun jista' jinkiseb proporzjon aktar baxx tal-finanzjament tad-dejn. Dawk il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru li jkunu eżenti mill-qsim tar-riskju tat-traffiku għandhom jiġu speċifikati fil-pjan ta' prestazzjoni għal reviżjoni mill-Kummissjoni u fl-informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta skont l-Anness II. L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu u jiġġustifikaw il-miżuri maħsuba biex jinkiseb proporzjon aktar baxx tal-finanzjament tad-dejn kif ukoll l-iskedar ta' dawn il-miżuri.

8. Il-prinċipji li ġejjin għandhom japplikaw għall-qsim tar-riskju tal-ispiża:

(a) meta, matul il-perjodu ta' referenza kollu, l-ispejjeż attwali jkunu inqas mill-ispejjeż determinati stabbiliti fil-bidu tal-perjodu ta' referenza, id-differenza li tirriżulta għandha tinżamm mill-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, mill-Istat Membru jew mill-entità kkwalifikata kkonċernata;

(b) meta, matul il-perjodu ta' referenza kollu, l-ispejjeż attwali jaqbżu l-ispejjeż determinati stabbiliti fil-bidu tal-perjodu ta' referenza, id-differenza li tirriżulta għandha tiġi koperta mill-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, mill-Istat Membru jew mill-entità kkwalifikata kkonċernata, bla ħsara għall-attivazzjoni ta' mekkaniżmu ta' twissija skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 691/2010;

(c) il-punti (a) u (b) ma jistgħux japplikaw għad-differenza bejn l-ispejjeż attwali u l-ispejjeż determinati li tista' titqies li mhijiex fil-kontroll tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, tal-Istati Membri u tal-entitajiet ikkwalifikati b'riżultat ta':

(i) bidliet mhux previsti fir-regolamenti nazzjonali dwar il-pensjonijiet u regolamenti dwar il-kontabbiltà tal-pensjonijiet;

(ii) bidliet mhux previsti fil-liġijiet nazzjonali dwar it-taxxa;

(iii) oġġetti ta' spiża ġodda u mhux previsti li ma jkunux koperti fil-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali iżda li huma meħtieġa mil-liġi;

(iv) bidliet mhux previsti fl-ispejjeż jew fid-dħul li joriġinaw minn ftehim internazzjonali;

(v) bidliet sinifikanti fir-rati tal-imgħax fuq is-self.

Bla ħsara għat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1), lista ta' fatturi tal-ispiża li ma jistgħux jiġu kkontrollati għandha tiġi stabbilita mill-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali abbażi tal-lista elenkata fil-punti (i) sa (v) tal-ewwel subparagrafu u għandha tifforma parti mill-pjan ta' prestazzjoni.

Meta, matul il-perjodu ta' referenza kollu, l-ispejjeż attwali jkunu inqas mill-ispejjeż determinati stabbiliti fil-bidu tal-perjodu ta' referenza, id-differenza li tirriżulta għandha tingħata lura lill-utenti tal-ispazju tal-ajru permezz ta' ammont miġjub 'il quddiem għall-perjodu ta' referenza ta' wara.

Meta, matul il-perjodu ta' referenza kollu, l-ispejjeż attwali jaqbżu l-ispejjeż determinati stabbiliti fil-bidu tal-perjodu ta' referenza, id-differenza li tirriżulta għandha tingħadda lill-utenti tal-ispazju tal-ajru permezz ta' ammont miġjub 'il quddiem għall-perjodu ta' wara. L-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali kkonċernata għandha taqbel espliċitament li l-ammont jinġieb 'il quddiem wara li tkun żgurat li:

(i) il-varjazzjoni tal-ispejjeż attwali meta mqabbla mal-ispejjeż determinati tkun fil-fatt ir-riżultat ta' żviluppi li jmorru lil hinn mill-influwenza tal-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, tal-Istat Membru jew tal-entità kkwalifikata kkonċernata;

(ii) il-varjazzjoni fl-ispejjeż li għandha tingħadda lill-utenti tkun speċifikament identifikata u kkategorizzata.

L-ammont miġjub 'il quddiem għandu jiġi speċifikat b'fatturi u għandu jiġi deskritt fl-informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta skont l-Anness VI.".

(12) Fl-Artikolu 12, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri, fil-livell nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali, jistgħu jistabbilixxu jew japprovaw, fuq bażi non-diskriminatorja u trasparenti, skemi ta' inċentivi biex isostnu titjib fil-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jew it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-avjazzjoni, u li jirriżultaw f'kalkolu differenti tal-imposti skont il-paragrafi 2 u 3. Dawk l-inċentivi jistgħu japplikaw għall-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jew għall-utenti tal-ispazju tal-ajru.

2. F'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 691/2010, l-Istati Membri, fil-livell nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru jew funzjonali, jistgħu jadottaw inċentivi finanzjarji sabiex il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru tagħhom jilħqu l-miri ta' prestazzjoni. Ir-rata għal kull unità tista' tiġi aġġustata biex tippermetti li jingħata bonus jew penali skont il-livell attwali tal-prestazzjoni tal-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru meta mqabbel mal-mira rilevanti. Tali bonusijiet jew penali għandhom jiġu attivati biss meta d-differenzi fil-livelli tal-prestazzjoni jkollhom impatt sostanzjali fuq l-utenti. Il-livell tal-bonusijiet u tal-penali applikabbli għandu jkun jaqbel mal-miri li għandhom jintlaħqu u mal-prestazzjoni li għandha tinkiseb. Il-livelli tal-varjazzjoni fil-prestazzjoni u l-livell tal-bonusijiet jew tal-penali applikabbli għandhom jiġu ddeterminati wara li ssir l-offerta ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 8 u għandhom jiġu stabbiliti mill-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali.

3. Meta Stat Membru jiddeċiedi li japplika skema ta' inċentivi fir-rigward tal-utenti tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, huwa għandu, wara li ssir l-offerta ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 8, jimmodula l-imposti mġarrba minnhom sabiex jirriflettu l-isforzi magħmula minn dawk l-utenti biex, b'mod partikolari:

(a) jottimizzaw l-użu tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru;

(b) inaqqsu l-impatt ambjentali tat-titjiriet;

(c) inaqqsu l-ispejjeż globali tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u jżidu l-effiċjenza tagħhom, b'mod partikolari billi jnaqqsu jew jimmodulaw l-imposti skont it-tagħmir fl-ajru li jżid il-kapaċità jew billi jpaċu l-inkonvenjenza tal-għażla ta' tqassim tar-rotot b'inqas konġestjoni;

(d) jaċċelleraw l-użu tal-kapaċitajiet tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru tas-SESAR.".

(13) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li rati għal kull unità jiġu stabbiliti għal kull żona tal-imposti fuq bażi annwali.

Ir-rati għal kull unità għandhom jiġu stabbiliti fil-munita nazzjonali. Meta Stati Membri li jifformaw parti minn blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali jiddeċiedu li jistabbilixxu żona komuni tal-imposti b'rata waħdanija għal kull unità, dik ir-rata għal kull unità għandha tiġi stabbilita f'Euro jew fil-munita nazzjonali ta' wieħed mill-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Eurocontrol bil-munita applikabbli.

2. Skont l-Artikolu 11(4)(e) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 u l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 691/2010, f'każ li jiġi attivat mekkaniżmu ta' twissija, ir-rati għal kull unità jistgħu jiġu emendati matul is-sena.".

(b) Għandu jiddaħħal il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Għall-ewwel sena tal-perjodu ta' referenza, ir-rati għal kull unità għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-pjan ta' prestazzjoni kkomunikat mill-Istat Membru jew mill-blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali kkonċernat fl-1 ta' Novembru tas-sena ta' qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza. Meta l-pjanijiet ta' prestazzjoni jiġu adottati wara l-1 ta' Novembru tas-sena ta' qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza, ir-rati għal kull unità għandhom jiġu kkalkulati mill-ġdid jekk ikun meħtieġ fuq il-bażi tal-pjan finali adottat jew tal-miżuri korrettivi applikabbli.".

(14) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri jistgħu jiġbru l-imposti permezz ta' imposta waħdanija għal kull titjira. Meta l-imposti jiġu fatturati u jinġabru fuq bażi reġjonali, il-munita tal-ħlas tista' tkun l-Euro u rata amministrattiva għal kull unità bħala remunerazzjoni tal-ispejjeż tal-fatturazzjoni u l-ġbir tista' tiżdied mar-rata għal kull unità kkonċernata.".

(15) L-Artikolu 15 huwa mħassar.

(16) Fl-Artikolu 17 il-parti introduttorja tal-ewwel subparagrafu hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jiffaċilitaw l-ispezzjonijiet u l-istħarriġ mill-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali jew minn entità kkwalifikata li taġixxi f'isem din tal-aħħar, inklużi ż-żjarat fuq il-post. Il-persuni awtorizzati għandhom ikollhom is-setgħa:".

(17) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 17a li ġej:

"Artikolu 17a

Ir-reviżjoni

Ir-reviżjoni mill-Kummissjoni tal-iskema ta' prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 691/2010 għandha tinkludi l-mekkaniżmu tal-qsim tar-riskju stabbilit bl-Artikolu 11a ta' dan ir-Regolament, l-iskemi ta' inċentivi stabbiliti skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, u l-impatt u l-effiċjenza tagħhom biex jintlaħqu l-miri tal-prestazzjoni stabbiliti.".

(18) L-Annessi I sa VI huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Dawk l-Istati Membri li r-regolamenti nazzjonali tagħhom li kienu jeżistu qabel it-8 ta' Lulju 2010 jistabbilixxu tnaqqis fir-rata għal kull unità li huwa akbar mill-miri stabbiliti għall-Unjoni kollha skont ir-Regolament (UE) Nru 691/2010 jistgħu jeżentaw lill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru tagħhom mill-Artikolu 11a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1794/2006. Dik l-eżenzjoni għandha tapplika għall-perjodu meta r-regolamenti nazzjonali jnaqqsu r-rata għal kull unità, iżda ma għandhiex testendi lil hinn mit-tmiem tal-ewwel perjodu ta' referenza fl-2014. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Eurocontrol bl-eżenzjonijiet.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dan id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1794/2006 kif emendati b'dan ir-Regolament għall-imposti tat-terminal sal-31 ta' Diċembru 2014. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan. Fejn l-Istati Membri jeżentaw l-imposti tat-terminal mid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament, l-ispejjeż kollha tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru tat-terminal jistgħu jiġu rkuprati sal-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika għall-ispejjeż, għall-imposti u għar-rati għal kull unità marbuta mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru mill-2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta’ Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

L-Annessi I sa VI huma emendati kif ġej:

1) Fl-Anness 1, għandu jiżdied il-punt 5 li ġej:

“5. F'każ li jkun hemm iktar minn 150 000 moviment kummerċjali fis-sena, il-valutazzjoni msemmija fil-punti 1 sa 4 għandha ssir fil-livell ta' kull ajruport individwali.”.

2) L-Anness II huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS II

It-trasparenza tal-ispejjeż

1. IT-TABELLA TA' RRAPPURTAR

L-Istati Membri kif ukoll il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jimlew it-tabella ta' rrappurtar li ġejja għal kull żona tal-imposti taħt ir-responsabbiltà tagħhom u għal kull perjodu ta' referenza. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll tabella ta' rrappurtar ikkonsolidata għal kull żona tal-imposti taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

Għandha timtela tabella kkonsolidata għall-ajruporti kollha li huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Meta żona tal-imposti tkun testendi fuq l-ispazju tal-ajru ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawk l-Istati Membri għandhom jimlew it-tabella b'mod konġunt skont l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 4(4).

L-ispejjeż attwali għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-kontijiet iċċertifikati. L-ispejjeż għandhom jiġu stabbiliti skont il-pjan tan-negozju meħtieġ miċ-ċertifikat u għandhom jiġu rrappurtati fil-munita li fiha jkunu stabbiliti skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 6(1).

Sabiex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment mill-Kummissjoni ta' miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha, u bla ħsara għall-pjanijiet ta' prestazzjoni li għandhom jiġu adottati fil-livell nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali, l-Istati Membri kif ukoll il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jimlew tali tabella ta' rrappurtar b'ċifri tat-tbassir inizjali tmintax-il xahar qabel ma jibda l-perjodu ta' referenza.

Tabella 1 - L-ispejjeż totali

Isem iż-żona tal-imposti
Isem l-entità

Perjodu ta' referenza: N - (N+4)

	Spejjeż iddeterminati					Spejjeż attwali				
Dettalji tal-ispejjeż	N	N+1	N+2	N+3	N+4	N	N+1	N+2	N+3	N+4
Dettalji skont in-natura (f'termini nominali)										
Il-persunal										
Spejjeż operattivi oħrajn										
Id-deprezzament										
L-ispiż a tal-kapital										
Oġġetti eċċezzjonali										
L-ispejjeż totali										
L-ammont totali % n/n-1										
Il-persunal % n/n-1										
Operazzjonijiet oħra % n/n-1										
Dettalji skont is-servizz (f'termini nominali)										
Il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru										
Il-komunikazzjoni										
In-navigazzjoni										
Is-sorveljanza										
It-tiftix u s-salvataġġ										
It-tagħrif ajrunawtiku										
Is-servizzi meteoroloġiċi										
L-ispejjeż tas-superviżjon										
Spejjeż oħrajn tal-Istat										
L-ispejjeż totali										
L-ammont totali % n/n-1										
Il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru % n/n-1										
CNS % n/n-1										
Informazzjoni komplementari dwar l-ispiża tal-proġetti komuni (f'termini nominali)										
Medja tal-bażi tal-assi										
Il-valur nett kontabbli tal-assi fissi										
L-aġġustamenti tal-assi totali										
L-assi netti kurrenti										
Il-bażi tal-assi totali										
L-ispiża tal-kapital (f'%)										
L-ispiża tal-kapital - ir-rata ta' qabel it-taxxa (f'%)										
Id-dħul fuq il-kapitali (f'%)										
L-imgħax medju fuq id-djun (f'%)										
L-ispiża tal-proġetti komuni										
Il-proġett komuni nru 1										
Informazzjoni komplementari dwar l-inflazzjoni u dwar l-ispejjeż totali f'termini reali										
L-inflazzjoni (f'%) (1)										
L-ispejjeż totali f'termini reali (2)										
L-ammont totali % n/n-1										
Tnaqqis tal-ispejjeż allokati għat-titjiriet tal-VFR li huma eżentati (f'termini nominali)										
L-ispejjeż totali										
L-ispejjeż tat-titjiriet tal-VFR li huma eżentati										
L-ispejjeż totali wara t-tnaqqis (3)										

L-ispejjeż u l-oġġetti tal-bażi tal-assi huma mogħtija f'miljuni fil-munita nazzjonali - L-unitajiet tas-servizzi huma mogħtija f'miljuni

(1) It-tbassir tal-inflazzjoni użat biex jiġu stabbiliti l-ispejjeż determinati f'termini norinali - l-inflazzjoni attwqli rreġistrata mill-EUROSTAT

(2) L-ispejjeż determinati (fil-pjan ta' prestazzjoni) f'termini reali – l-ispejjeż attwqli f'termini reali

(3) L-ispejjeż determinati (wara t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-VFR) irrappurtati fl-Anness II (f''termini nominali)

2. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Barra minn hekk, l-Istati Membri kif ukoll il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jipprovdu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

— Deskrizzjoni tal-metodoloġija użata biex jiġu allokati l-ispejjeż tal-faċilitajiet jew tas-servizzi bejn is-servizzi differenti tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-lista tal-faċilitajiet u s-servizzi mniżżlin fil-Pjan Reġjonali tan-Navigazzjoni bl-Ajru tal-ICAO għar-Reġjun Ewropew (id-Dokument 7754) u deskrizzjoni tal-metodoloġija użata biex jiġu allokati dawk l-ispejjeż bejn iż-żoni tal-imposti differenti;

— Deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-metodu adottat biex jiġu kkalkulati l-ispejjeż tad-deprezzament: l-ispejjeż storiċi jew l-ispejjeż attwali. Meta tiġi adottata l-kontabbiltà attwali tal-ispejjeż, l-għoti ta' dejta komparabbli dwar l-ispejjeż storiċi;

— Ġustifikazzjoni tal-ispiża tal-kapital, inklużi l-komponenti tal-bażi tal-assi, l-aġġustamenti tal-assi totali li jista' jkun hemm u d-dħul fuq il-kapital;

— Deskrizzjoni tal-ispejjeż determinati kollha għal kull ajruport li huwa suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għal kull żona tal-imposti tat-terminal; għall-ajruporti b'inqas minn 20 000 moviment ta' trasport bl-ajru kummerċjali fis-sena kkalkulat bħala l-medja fuq it-tliet snin ta' qabel, l-ispejjeż jistgħu jiġu ppreżentati b'mod aggregat;

— Definizzjoni tal-kriterji użati biex l-ispejjeż jiġu allokati bejn is-servizzi tat-terminal u s-servizzi en route għal kull ajruport irregolat;

— It-tqassim tal-ispejjeż meteoroloġiċi bejn l-ispejjeż diretti u 'l-ispejjeż prinċipali tal-MET', iddefiniti bħala l-ispejjeż biex jingħata appoġġ lill-faċilitajiet u s-servizzi meteoroloġiċi li jservu wkoll għar-rekwiżiti meteoroloġiċi b'mod ġenerali. Dawn jinkludu l-analiżi ġenerali u t-tbassir, in-netwerks tal-osservazzjoni ta' wiċċ l-art u tal-ajru ta' fuq, is-sistemi ta' komunikazzjoni meteoroloġiċi, iċ-ċentri tal-ipproċessar tad-dejta u r-riċerka, it-taħriġ u l-amministrazzjoni prinċipali li jappoġġawhom;

— Deskrizzjoni tal-metodoloġija użata biex jiġu allokati l-ispejjeż kollha tal-MET u l-ispejjeż prinċipali tal-MET għall-avjazzjoni ċivili u bejn iż-żoni tal-imposti;

— Kif mitlub fil-punt 1, tmintax-il xahar qabel jibda perjodu ta' referenza, deskrizzjoni tal-ispejjeż u tat-traffiku mbassra rrappurtati;

— Għal kull sena tal-perjodu ta' referenza, deskrizzjoni tal-ispejjeż attwali rrappurtati u d-differenza bejn dawn l-ispejjeż u l-ispejjeż determinati.".

3) Fl-Anness III, il-punt 1.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.2. Informazzjoni addizzjonali

Barra minn hekk, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jipprovdu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

— Deskrizzjoni tal-kriterji użati biex jiġu allokati l-ispejjeż tal-faċilitajiet jew tas-servizzi bejn is-servizzi differenti tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-lista tal-faċilitajiet u s-servizzi mniżżlin fil-Pjan Reġjonali tan-Navigazzjoni bl-Ajru tal-ICAO għar-Reġjun Ewropew (id-Dokument 7754);

— Deskrizzjoni u spjegazzjoni tad-differenzi bejn iċ-ċifri mhux kunfidenzjali ppjanati u attwali għas-sena (n-1);

— Deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-ispejjeż u tal-investimenti mhux kunfidenzjali ppjanati fuq ħames snin b'rabta mat-traffiku mistenni;

— Deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-metodu adottat biex jiġu kkalkulati l-ispejjeż tad-deprezzament: l-ispejjeż storiċi jew l-ispejjeż attwali;

— Ġustifikazzjoni tal-ispiża tal-kapital, inklużi l-komponenti tal-bażi tal-assi, l-aġġustamenti tal-assi totali li jista' jkun hemm u d-dħul fuq il-kapital.".

4) L-Anness IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IV

Il-kalkolu tal-unitajiet tas-servizzi en route u tar-rati għal kull unità en route

1. Il-kalkolu tal-unitajiet tas-servizzi en route

1.1 L-unità tas-servizz en route għandha tiġi kkalkulata billi jiġu mmultiplikati l-fattur tad-distanza u l-fattur tal-piż għall-ajruplan ikkonċernat.

1.2 Il-fattur tad-distanza għandu jinkiseb billi ssir diviżjoni b'mija tan-numru ta' kilometri ta' titjira fid-distanza taċ-ċirku l-kbir bejn il-punt tad-dħul u l-punt tal-ħruġ taż-żoni tal-imposti, skont l-aħħar pjan tat-titjira magħruf li jkun ingħata mill-ajruplan ikkonċernat għall-finijiet tal-flussi tat-traffiku tal-ajru.

1.3 Jekk il-punt tal-ħruġ u tad-dħul ta' titjira waħda jkunu identiċi f'żona tal-imposti, il-fattur tad-distanza għandu jkun daqs id-distanza fid-distanza taċ-ċirku l-kbir bejn dawn il-punti u l-punt l-aktar imbiegħed tal-pjan tat-titjira mmultiplikat bi tnejn.

1.4 Id-distanza li għandha titqies għandha titnaqqas b'20 kilometru għal kull tlugħ mit-territorju ta' Stat Membru u għal kull inżul fih.

1.5 Il-fattur tal-piż, espress bħala ċifra b'żewġ punti deċimali, għandu jkun l-għerq kwadrat tal-kwozjent miksub billi jiġi diviż b'ħamsin in-numru ta' tunnellati metriċi fil-piż massimu ċċertifikat tat-tlugħ tal-ajruplan mogħti fiċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew f'xi dokument uffiċjali ekwivalenti pprovdut mill-operatur tal-ajruplan. Fejn dan il-piż ma jkunx magħruf, għandu jintuża l-piż tal-itqal ajruplan tal-istess tip li huwa magħruf li jeżisti. F'każ fejn ajruplan ikollu aktar minn piż tat-tlugħ massimu wieħed iċċertifikat, għandu jintuża l-akbar wieħed. Fejn operatur ta' ajruplan jopera żewġ ajruplani jew aktar li jkunu verżjonijiet differenti tal-istess tip ta' ajruplan, għal kull ajruplan ta' dak it-tip għandha tintuża l-medja tal-piżijiet tat-tlugħ massimi tal-ajruplani kollha tiegħu ta' dak it-tip. Il-kalkolu tal-fattur tal-piż għal kull tip ta' ajruplan u għal kull operatur għandha ssir mill-inqas darba fis-sena.

2. Il-kalkolu tar-rati għal kull unità en route

2.1 Ir-rata għal kull unità en route għandha tiġi kkalkulata qabel il-bidu ta' kull sena tal-perjodu ta' referenza.

2.2 Hija għandha tiġi kkalkulata billi s-somma alġebrajka tal-elementi li ġejjin tiġi diviża bl-għadd totali mistenni ta' unitajiet tas-servizzi en route għas-sena rilevanti:

i) l-ispejjeż determinati tas-sena rilevanti,

ii) l-applikazzjoni tad-differenza bejn l-inflazzjoni mbassra u dik attwali msemmija fl-Artikolu 6(1),

iii) l-ammonti miġjuba 'l quddiem li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-qsim tar-riskju tat-traffiku msemmi fl-Artikolu 11a(2) sa (7),

iv) l-ammonti miġjuba 'l quddiem mill-perjodu ta' referenza ta' qabel li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-qsim tar-riskju tal-ispiża msemmi fl-Artikolu 11a(8),

v) il-bonusijiet u l-penali li jirriżultaw mill-inċentivi finanzjarji msemmija fl-Artikolu 12(2),

vi) għall-ewwel żewġ perjodi ta' referenza, l-irkupru żejjed jew nieqes imġarrab mill-Istati Membri sas-sena 2011, l-2011 inkluża,

vii) tnaqqis tal-ispejjeż tat-titjiriet tal-VFR identifikati fl-Artikolu 7(4).".

5) L-Anness V huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS V

IL-Kalkolu tal-unitajiet tas-servizzi tat-terminal u tar-rati għal kull unità

1. Il-kalkolu tal-unitajiet tas-servizzi tat-terminal

1.1 L-unità tas-servizzi tat-terminal għandha tkun daqs il-fattur tal-piż għall-ajruplan ikkonċernat.

1.2 Il-fattur tal-piż, espress bħala ċifra b'żewġ punti deċimali, għandu jkun il-kwozjent miksub billi jiġi diviż b'ħamsin in-numru ta' tunnellati metriċi fl-ogħla piż massimu ċċertifikat tat-tlugħ tal-ajruplan, imsemmi fil-punt 1.5 tal-Anness IV, għall-poter ta' 0.7. Madankollu, f'perjodu tranżitorju ta' ħames snin wara l-kalkolu tal-ewwel rata għal kull unità tat-terminal skont dan ir-Regolament, dan l-esponent għandu jkun ta' bejn 0.5 u 0.9.

2. Il-kalkolu tar-rati għal kull unità tat-terminal

2.1 Ir-rata għal kull unità tat-terminal għandha tiġi kkalkulata qabel il-bidu ta' kull sena tal-perjodu ta' referenza.

2.2 Hija għandha tiġi kkalkulata billi s-somma alġebrajka tal-elementi li ġejjin tiġi diviża bl-għadd totali mistenni ta' unitajiet tas-servizzi tat-terminal għas-sena rilevanti:

i) l-ispejjeż determinati tas-sena rilevanti,

ii) l-applikazzjoni tad-differenza bejn l-inflazzjoni mbassra u dik attwali msemmija fl-Artikolu 6(1),

iii) l-ammonti miġjuba 'l quddiem li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-qsim tar-riskju tat-traffiku msemmi fl-Artikolu 11a(2) sa (7),

iv) l-ammonti miġjuba 'l quddiem mill-perjodu ta' referenza ta' qabel li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-qsim tar-riskju tal-ispiża msemmi fl-Artikolu 11a(8),

v) il-bonusijiet u l-penali li jirriżultaw mill-inċentivi finanzjarji msemmija fl-Artikolu 12(2),

vi) għall-ewwel żewġ perjodi ta' referenza, l-irkupru żejjed jew nieqes imġarrab mill-Istati Membri sas-sena ta' qabel ma jibda japplika dan ir-Regolament għall-imposti tat-terminal,

vii) tnaqqis tal-ispejjeż tat-titjiriet tal-VFR identifikati fl-Artikolu 7(4).".

6) L-Anness VI huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX VI

Il-mekkaniżmu tal-imposti

1. IT-TABELLA TA' RRAPPURTAR

L-Istati Membri kif ukoll il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jimlew it-tabella ta' rrappurtar li ġejja għal kull żona tal-imposti taħt ir-responsabbiltà tagħhom u għal kull perjodu ta' referenza. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll tabella kkonsolidata għal kull żona tal-imposti taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

Meta żona tal-imposti tkun testendi fuq l-ispazju tal-ajru ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawk l-Istati Membri għandhom jimlew it-tabella b'mod konġunt skont l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 4(4).

Tabella 2 - Il-kalkolu tar-rata gżal kull unità

Isem iż-żona tal-imposti Isem l-entità	Perjodu ta' referenza: N - (N+4)

Kalkolu tar-rata għal kull unità	N	N+1	N+2	N+3	N+4
1. L-ispejjeż determinati f'termini nominali u ż-żieda fl-inflazzjoni					
L-ispejjeż determinati f'termini nominali- ħlief għat-titjiriet tal-VFR (irrappurtati mill-Anness II)					
Ir-rata tal-inflazzjoni attwali rreġistrata mill-EUROSTAT – l-Anness II					
Ir-rata tal-inflazzjoni mbassra – l-Anness II					
L-aġġustament tal-inflazzhjoni – l-artikolu 6(1): ammont tas-sena n li ghandu jinġieb 'il quddiem					
2. L-għadd totali ta' unitajiet tas-servizz attwali u mbassra					
L-għadd totali ta' unitajiet tas-servizzi mbassra (fil-pjan ta' prestazzjoni)					
L-għadd totali ta' unitajiet tas-servizzi attwali					
L-għadd totali ta' unitajiet tas-servizzi attwali/imbassra (f'%)					
3. . L-ispejjeż li huma suġġetti għall-qsim tar-riskju tat-traffiku (il-forrnituri tas-servizzi					
L-ispejjeż determinati f'termini nominali- ħlief għat-titjiriet tal-VFR (irrappurtati mill-Anness II)					
L-aġġustament tal-inflazzhjoni – l-Artikolu 6(1): ammont miġjub 'il quddiem għas-sena n					
It-traffiku – l-Artikolu 11a(2): ammonti miġjuba 'l quddiem għas-sena n					
Il-qsim tar-riskju tat-traffiku – l-Artikolu 11a(2) sa (7): dħul ieħor miġjub 'il quddiem għas-sena n					
Il-qsim tar-riskju tat-traffiku – l-Artikolu 11a(2) sa (7): telf ta' dħul miġjub 'il quddiem għas-sena n					
L-ispejjeż li ma jistgħux jiġu kkontrollati – l-artikolu 11a(8)(c): ammonti miġjuba 'l quddiem għas-sena n					
Il-bonusijiet jew il-penali relatati mal-presentazzjoni – l-Artikolu 12(2)					
L-irkupru żejjed (-) jew nieqes (+) (1) : ammonti miġjuba 'l quddiem għas-sena n					
L-ammont tatali għall-kalkolu tar-rata għall-kalkolu tar-rata għal kull unità għas-sena n					
Il-qsim tar-riskju tat-traffiku – l-Artikolu 11a(2) sa (7): dħul ieħor miġjub 'il quddiem għas-sena n li għandu jinġieb 'il quddiem					
Il-qsim tar-riskju tat-traffiku – l-Artikolu 11a(2) sa (7): telf ta' dħul għas-sena n li għandu jinġieb 'il quddiem					
Il-parametri tal-qsim tar-riskju tat-traffiku					
Dħul addizzjonali mgħoddi lura lill-utenti fis-sena n+2 – l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11a(4)					
Telf tad-dħul kopert mill-utenti tal-ispazju tal-arju – it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11a(4)					
4. Spejjeż li mhumiex suġġetti għall-qsim tar-riskju tat-traffiku - l-Artikolu 11a(1)(a)					
L-ispejjeż determinati f'termini nominali- ħlief għat-titjiriet tal-VFR (irrappurtati mill-Anness II)					
L-aġġustament tal-inflazzhjoni – l-Artikolu 6-1: ammont miġjub 'il quddiem għas-sena n					
It-traffiku – l-Artikolu 11a(2): ammonti miġjuba 'l quddiem għas-sena n					
L-ispejjeż li ma jistgħux jiġu kkontrollati – l-artikolu 11a-8(c): ammonti miġjuba 'l quddiem għas-sena n					
L-irkupru żejjed (-) jew nieqes (+): ammonti miġjuba 'l quddiem għas-sena n					
L-ammont tatali għall-kalkolu tar-rata għall-kalkolu tar-rata għal kull unità għas-sena n					
5. Dħul ieħor - ir-rata għal kull unità applikata (fil-munita nazzjonali)					
Dħul minn sorsi oħrajn - l-Artikolu 3					
L-ammont totali globali għall-kalkolu tar-rata għal kull unità għas-sena n					
Ir-rata għal kull unità għas-sena n (fil-munita nazzjonali)					
Il-komponent tar-rata għal kull unità marbut mal-forrnituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru					
Il-komponent tar-rata għal kull unità marbut mal-MET					
Il-komponent tar-rata għal kull unità marbut mal-ANS u mal-Istat					
Ir-rata għal kull unità għas-sena n li kienet tapplika kieku ma kienx hemm dħul ieħor					

L-ispejjeż id-dħul u l-ammonti l-oħra huma mgħtija f'miljuni fil-munita nazzjonali – L-unitajiet tas-servizz huma mogħtija f'miljuni

(1) L-Annessi IV-V 2(vi) – L-irkupri żejda jew nieqsa li kien hemm sas –sena tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament

2. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiġbru u jipprovdu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

— Deskrizzjoni tal-istabbiliment taż-żoni tal-imposti differenti u r-raġuni għal dan l-istabbiliment, b'mod partikolari fir-rigward taż-żoni tal-imposti tat-terminal u tas-sussidji inkroċjati li jista' jkun hemm bejn l-ajruporti;

— Deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-kalkolu tal-unitajiet tas-servizzi mbassra li fuqhom jista' jkun hemm l-imposti;

— Deskrizzjoni tal-politika dwar l-eżenzjonijiet u deskrizzjoni tal-mezzi ta' finanzjament biex jiġu koperti l-ispejjeż relatati;

— Deskrizzjoni tal-ammonti miġjuba 'l quddiem tal-irkupru żejjed jew nieqes imġarrab mill-Istati Membri sas-sena 2011 għall-imposti en route u sas-sena ta' qabel jibda japplika dan ir-Regolament għall-imposti tat-terminal;

— Deskrizzjoni tal-ammonti tal-irkupru nieqes miġjuba 'l quddiem skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11a(4);

— Deskrizzjoni skont il-fatturi tal-ammonti miġjuba 'l quddiem mill-perjodu ta' referenza ta' qabel skont l-Artikolu 11a(8)(c);

— Deskrizzjoni tad-dħul ieħor, meta jkun hemm;

— Deskrizzjoni tal-formola użata biex jiġu kkalkulati l-imposti tat-terminal;

— Deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-inċentivi applikati għall-utenti tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.".